MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2547/2003

**Commonwealth Educational Society Limited
ta' Nassau, Bahamas kif rapprezentata lokalment
mill-mandatarju taghha Antonia Aquilina**

**Vs**

**Lorraine Attard**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm214.40c (mitejn u erbatax-il lira Maltin u erbghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi kotba mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta ai temini tal-iskrittura datata 7 ta' Frar 2001.

Is-socjeta' attrici nomine qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-prezentata tal-ittri ufficjali tat-3 t'April 2003 inkluz ukoll l-ispejjez tat-talba, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------